

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/483/PESK

tat-28 ta' Lulju 2011

li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

struttura ta' Kmand u Kontroll għall-NSF, biex tippoteġi l-popolazzjoni ċivili u tintegra l-forzi tal-milizji u tal-klanns differenti fl-NSF.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 43(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja. ⁽¹⁾

(2) Fil-31 ta' Marzu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/197/PESK dwar il-varar ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) ⁽²⁾.

(3) Fl-20 ta' Lulju l-Kunsill approva l-kunċett rivedut ta' maniġġar tal-kriżijiet għall-EUTM Somalia.

(4) Fit-28 ta' April 2011, fir-rapport tiegħu S/2011/277 lill-Kunsill tas-Sigurtà, is-Segretarju-Ġenerali tal-Nazzjonijiet Uniti (SĠNU) nnota l-kisbiet territorjali u l-progress fil-qasam tas-sigurtà, u semma t-taħriġ ipprovdut mill-UE. Is-SĠNU jirrakkomanda l-iffukar fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-istituzzjonijiet tas-settur tas-sigurtà tas-Somalja u b'mod partikolari jirrakkomanda t-titjib tal-istrutturi ta' Kmand u Kontroll tal-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali (NSF).

(5) Fil-21 ta' April 2011, il-President tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana (UA) ppreżenta r-rapport dwar is-sitwazzjoni fis-Somalja lill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà. Huwa enfażizza l-kisbiet fis-settur tas-sigurtà u talab għat-tkomplija tal-appoġġ għat-taħriġ.

(6) Fl-ittra tiegħu tal-4 ta' Mejju 2011, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, il-Prim Ministru tas-Somalja, wera l-apprezzament tal-Gvern Federali Transitorju Somalu (TFG) għall-appoġġ tal-UE u tenna l-impenn sħiħ tat-TFG biex jibni

(7) L-apprezzament tat-TFG kien imtenni matul il-Kumitat Konġunt dwar is-Sigurtà f'Kampala fit-23 ta' Ġunju 2011.

(8) Matul il-laqgħa Konsultattiva Konġunta tal-KPS UA u tal-KPS UE li saret fl-10 ta' Mejju 2011 f'Addis Ababa, l-UA wriet is-sodisfazzjon tagħha għall-appoġġ ipprovdut mill-EUTM Somalia fit-tiswir ta' NSF Somali professjonali u unifikati.

(9) L-awtoritajiet Politiċi u Militari tal-Uganda wrew is-sodisfazzjon tagħhom bis-sħubija mal-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika, u r-rieda tagħhom li jkomplu t-taħriġ.

(10) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża. Id-Danimarka ma tipparteċipax fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk ma tikkontribwixxix għall-finanzjament ta' din l-operazzjoni.

(11) L-EUTM Somalia għandha tkun estiża aktar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/96/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Sabiex tkompli tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-Gvern Federali Tansitorju Somalu (TFG) bħala gvern li jiffunzjona u li jservi liċ-ċittadini Somali kollha, missjoni ta' taħriġ militari tal-UE (EUTM Somalia) għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur tas-sigurtà tas-Somalja permezz tal-għoti ta' taħriġ militari lill-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali (NSF). It-taħriġ

⁽¹⁾ ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 87, 7.4.2010, p. 33.

ser jiffoka fuq l-iżvilupp ta' Kmand u Kontroll u kapaciċitajiet speċjalizzati u fuq il-kapaciċitajiet tal-NSF Somali li jħarrġu lilhom infushom, bil-ħsieb li l-għarfien tat-taħriġ tal-UE jkun trasferit lill-atturi lokali. L-EUTM Somalia ser tkompli topera f'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib ma' atturi oħra fil-Komunità Internazzjonali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, AMISOM u l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Uganda f'konformità mar-rekwiżiti miftiehma tat-TFG.

2. It-taħriġ militari tal-UE mwettaq għal dak il-għan għandu jsir prinċipalment fl-Uganda, f'konformità mal-oġettiv politiku tal-missjoni tal-UE li tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja, kif definit fil-Kunċett rivedut ta' Maniġġar tal-Kriżijiet approvat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2011. L-elementi ta' EUTM Somalia ser ikunu bbażati wkoll f'Najrobi u Brussell.”;

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-Kurunell Michael BEARY huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Missjoni tal-UE b'effett mid-9 ta' Awwissu 2011.”;

(3) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-missjoni militari tal-UE għall-perijodu sad-9 ta' Awwissu 2011 għandu jkun ta' EUR 4,8 miljuni.

Il-persentaġġ tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 32(3) ta' ATHENA għandu jkun ta' 60 %.”;

(b) il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

“3. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-missjoni militari tal-UE għall-perijodu li jibda mid-9 ta' Awwissu 2011 għandu jkun ta' EUR 4,8 miljuni. Il-perċentaġġ ta' dan l-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 32(3) ta' ATHENA għandu jkun ta' 30 %.”;

(4) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-missjoni militari tal-UE għandha tintemm fl-2012 wara żewġ perijodi ta' taħriġ ta' sitt xhur u l-istazzjonament mill-ġdid tal-unitajiet u tal-persunal tal-UE lejn l-Ewropa.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ